

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/760**tat-13 ta' Mejju 2016****dwar miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-setturi tal-bajd u tal-laħam tat-tjur fl-Italja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 220(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Diċembru 2014, l-Italja kkonfermat u nnotifikat il-preżenza tal-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8. It-tifqigħa ta' din il-marda ġiet ikkonfermata f'azjenda agrikola kummerċjali tad-dundjani għat-tismin maskili li tinsab fil-muniċipalitá ta' Porto Viro, fil-provinċja ta' Rovigo, fir-Reġjun tal-Veneto fl-Italja.
- (2) L-Italja ħadet il-miżuri dwar is-saħħa tal-annimali u l-miżuri veterinarji kollha meħtieġa, minnufih u b'mod effiċjenti, skont id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE ⁽²⁾.
- (3) B'mod partikolari, l-awtoritajiet Taljani ħadu miżuri ta' kontroll, ta' monitoraġġ u ta' prevenzjoni u stabbilew żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/936/UE ⁽³⁾. B'hekk l-awtoritajiet Taljani irnexxielhom jeqirduha malajr. Il-miżuri dwar is-saħħa tal-annimali u l-miżuri veterinarji fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali ġew applikati sas-16 ta' Frar 2015 fl-azjendi agrikoli kollha ħliet għall-azjenda agrikola fejn jinżammu d-dundjani għat-tismin maskili, li fihom il-miżuri ġew applikati sal-25 ta' Frar 2015.
- (4) Fit-23 ta' Ġunju 2015, l-awtoritajiet Taljani infurmaw lill-Kummissjoni li l-miżuri dwar is-saħħa tal-annimali u l-miżuri veterinarji meħtieġa, li ġew applikati biex irażżnu u jeqirdu t-tixrid tal-virus, laqtu lil xi operaturi, u li daww l-operaturi ġarrbu telf ta' dħul li mhux eliġibbli għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni fil-qafas tar-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾.
- (5) Fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kummissjoni rċeviet talba formali mingħand l-awtoritajiet Taljani għall-finanzjament parzjali ta' ċerti miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ skont l-Artikolu 220(3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. L-awtoritajiet Taljani ċċaraw it-talba tagħhom fl-11 ta' Jannar 2016 u fis-27 ta' Jannar 2016.
- (6) Minħabba l-applikazzjoni tal-miżuri dwar is-saħħa tal-annimali u miżuri veterinarji, it-tqegħid tal-għasafar f'azjendi agrikoli għat-tismin tal-ħosien, tat-tiġieġ Golden, tat-tiġieġ standard, u tad-dundjani li jinsabu fiż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza ddewwem, u azjenda agrikola tad-dundjani għat-tgħammir li tinsab f'żona bħal din ma setgħetx tipproduċi bajd għat-tfaqqis. Dan wassal għal telf fil-produzzjoni tal-laħam tal-ħosien għat-tismin, tat-tiġieġ Golden, tat-tiġieġ standard, u tad-dundjani, u telf fil-produzzjoni tal-bajd għat-tfaqqis li ġej mid-dundjani għat-tgħammir matul il-perjodu li fih kienu fis-seħħ il-miżuri dwar is-saħħa tal-annimali u l-miżuri veterinarji. Għalhekk jixraq li jingħata kumpens għal dan it-telf.

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE (ĠUL 10, 14.1.2006, p. 16).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/936/UE tas-17 ta' Diċembru 2014 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta mal-influenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 fl-Italja (ĠUL 365, 19.12.2014, p. 160).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (ĠUL 189, 27.6.2014, p. 1).

- (7) Bħala riżultat tal-miżuri dwar is-saħħa tal-annimali u tal-miżuri veterinarji li ġew applikati, it-tiġieġ li kien joriġina minn diversi azjendi agrikoli li jinsabu fiż-żona ta' protezzjoni inqatel immedjatament u l-laħam miksub minn dan it-tiġieġ ġie ttrattat bis-sħana b'konformità mal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2005/94/KE jew inkella ġie ffriżat biex jiġi ffaċilitat il-bejgħ progressiv tal-laħam tat-tjur iffriżat fiż-żona ta' protezzjoni. Għalhekk, it-telf minħabba d-differenza fil-valur bejn il-laħam tat-tjur frisk u l-laħam tat-tjur ittrattat bis-sħana jew laħam tat-tjur iffriżat għandu jiġi kkompensat.
- (8) Skont l-Artikolu 220(5) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-finanzjament parzjali mill-Unjoni huwa ekwivalenti għal 50 % tan-nefqa mġarrba mill-Italja għall-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ. Il-kwantitajiet massimi eliġibbli għall-finanzjament fir-rigward ta' kull miżura eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq għandhom jiġu ffsati mill-Kummissjoni wara li tkun fliet it-talba mingħand l-Italja.
- (9) Biex jiġi evitat ir-riskju ta' kumpens żejjed, għandu jiġi stipulat ammont ta' finanzjament parzjali b'rata fissa, flivell xieraq għal kull prodott.
- (10) L-ispeċijiet affettwati huma tiġieġ (ħosien, tiġieġ Golden u tiġieġ standard) u dundjani (irġiel u nisa) imrobbija għal-laħam, bajd tad-dundjan għat-tfaqqis u laħam tat-tiġieġ iffriżat jew ittrattat bis-sħana.
- (11) Biex jiġi evitat ir-riskju ta' finanzjament doppju, it-telf imġarrab ma jridx ikun ġie kkompensat minn għajnunja mill-Istat jew minn polza tal-assigurazzjoni, u l-finanzjament parzjali mill-Unjoni skont dan ir-Regolament għandu jkun limitat għall-prodotti eliġibbli li għalihom ma jkun ittieħed l-ebda kontribut finanzjarju tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 652/2014.
- (12) Il-livell u t-tul ta' żmien tal-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ stipulati f'dan ir-Regolament għandhom ikunu limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ għall-appoġġ tas-suq ikkonċernat.
- (13) Biex il-baġit ta' dawn il-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ ikollu ġestjoni soda, dawk il-pagamenti magħmula mill-Italja lill-benefiċjarji sa mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru 2016 biss se jkunu eliġibbli għal finanzjament parzjali tal-Unjoni. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014⁽¹⁾ ma għandux japplika.
- (14) Biex jiġu żgurati l-eleġibbiltà u l-korrettezza tal-pagamenti, l-awtoritajiet Taljani għandhom iwettqu verifiki *ex-ante*.
- (15) Biex l-Unjoni tkun tista' twettaq il-kontroll finanzjarju tagħha, l-awtoritajiet Taljani għandhom jinnotifikaw l-approvazzjoni tal-pagamenti lill-Kummissjoni.
- (16) Biex jiġi żgurat li l-Italja timplimenta dawn il-miżuri b'mod immedjat, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu.
- (17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Unjoni għandha ttiprovdi finanzjament parzjali ekwivalenti għal 50 % tan-nefqa mġarrba mill-Italja biex tappoġġa s-suq tal-bajd għat-tfaqqis u tal-laħam tat-tjur li ntlaqat serjament mit-tifqigħa tal-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 li nstabet u ġiet innotifikata mill-Italja fil-15 ta' Diċembru 2014, u li għaliha ġew applikati miżuri dwar is-saħħa tal-annimali u miżuri veterinarji fil-livell nazzjonali u dak tal-Unjoni sas-16 ta' Frar 2015 fl-azjendi agrikoli kollha ħlief għall-azjenda agrikola fejn jinżammu d-dundjani għat-tismin maskili, li fihom il-miżuri ġew applikati sal-25 ta' Frar 2015.

In-nefqa għandha tkun eliġibbli għall-finanzjament parzjali mill-Unjoni jekk tkun tħallset mill-Italja lill-benefiċjarji sa mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru 2016 biss. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 907/2014 ma għandux japplika.

⁽¹⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanzji u l-użu tal-euro (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 18).

Artikolu 2

Il-livell massimu tal-finanzjament parzjali mill-Unjoni għandu jkun kif ġej:

- (a) għat-telf fil-produzzjoni tal-bajd għat-tfaqqis tad-dundjani għat-tgħammir li jinsabu fiż-żona sorveljata, rata fissa ta' EUR 0,42 għal kull bajda għat-tfaqqis tad-dundjani bil-kodiċi NM 0407 19 11 sa mhux aktar minn 313 560 waħda.
- (b) għat-telf fil-produzzjoni tal-laħam tat-tjur minħabba dewmien marbut mal-miżuri tas-saħħa tal-annimali u mal-miżuri veterinarji fir-rigward tal-ħosien, tat-tiġieġ Golden, tat-tiġieġ standard u tad-dundjani għat-tismin maskili u femminili fl-azjendi agrikoli li jinsabu fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, rata fissa ta':
 - (i) EUR 0,022 fil-ġimgħa għal kull ħasi bil-kodiċi NM 0105 94 00 sa mhux aktar minn 262 400 wieħed u sa ammont massimu ta' EUR 42 146,98;
 - (ii) EUR 0,0244 fil-ġimgħa għal kull tiġieġa tat-tip Golden bil-kodiċi NM 0105 94 00 sa mhux aktar minn 7 500 waħda u sa ammont massimu ta' EUR 1 620,86;
 - (iii) EUR 0,0136 fil-ġimgħa għal kull tiġieġa standard bil-kodiċi NM 0105 94 00 sa mhux aktar minn 1 271 908 waħda u sa ammont massimu ta' EUR 83 715,00;
 - (iv) EUR 0,0636 fil-ġimgħa għal kull dundjan għat-tismin femminili bil-kodiċi NM 0105 99 30 sa mhux aktar minn 35 040 wieħed u sa ammont massimu ta' EUR 23 240,53;
 - (v) EUR 0,0722 fil-ġimgħa għal kull dundjan għat-tismin maskili bil-kodiċi NM 0105 99 30 sa mhux aktar minn 34 000 wieħed u sa ammont massimu ta' EUR 15 387,43;
- (c) għat-telf fil-valur bejn laħam tat-tiġieġ frisk u laħam tat-tiġieġ ittrattat bis-sħana li jinkiseb minn tiġieġ standard li jinqatlu immedjatament fiż-żona ta' protezzjoni, rata fissa ta' EUR 0,3761 għal kull kilogramm ta' tiġieġ ħajjin sa ammont totali ta' EUR 98 297,50;
- (d) għat-telf fil-valur bejn laħam tat-tiġieġ frisk u laħam tat-tiġieġ iffriżat li jinkiseb minn tiġieġ standard li jinqatlu immedjatament fiż-żona ta' protezzjoni, rata fissa ta' EUR 0,04 għal kull kilogramm ta' laħam tat-tiġieġ sa ammont totali ta' EUR 3 402,44.

Artikolu 3

Il-finanzjament parzjali mill-Unjoni skont dan ir-Regolament għandu jkun limitat għall-prodotti mhux ikkumpensati minn għajna mill-Istat jew minn polza tal-assigurazzjoni, u li għalihom ma tkun inqas l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 652/2014.

Artikolu 4

Qabel ma jsir xi ħlas, l-Italja għandha twettaq verifiki amministrattivi u fiżiċi eżawrjenti biex tiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament.

B'mod partikolari, l-awtoritajiet Taljani għandhom jivverifikaw:

- (a) l-eliġibbiltà tal-benefiċjarju li jkun ressaq it-talba għall-appoġġ;
- (b) għal kull operatur eliġibbli: l-eliġibbiltà, il-kwantità u t-telf reali tal-produzzjoni tal-bajd għat-tfaqqis li ġej minn dundjani tat-tgħammir;
- (c) għal kull operatur eliġibbli: l-eliġibbiltà, il-kwantità u t-telf reali tal-produzzjoni tal-laħam tat-tiġieġ u tad-dundjani, minħabba d-dewmien biex il-ħosien, it-tiġieġ Golden, it-tiġieġ standard u d-dundjani għat-tismin jitpoġġew fażjendi agrikoli li jinsabu fiż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza waqt li jiġu applikati l-miżuri dwar is-saħħa tal-annimali u miżuri veterinarji;

- (d) għal kull operatur eliġibbli: l-eliġibbiltà, il-kwantità u t-telf reali fil-valur bejn il-laħam tat-tiġieġ frisk u l-laħam tat-tiġieġ ittrattat bis-sħana li jinkiseb minn tiġieġ standard li jinqatlu immedjatament fiż-żona ta' protezzjoni waqt li jiġu applikati l-miżuri dwar is-saħħa tal-annimali u miżuri veterinarji;
- (e) għal kull operatur eliġibbli: l-eliġibbiltà, il-kwantità u t-telf reali fil-valur bejn il-laħam tat-tiġieġ frisk u l-laħam tat-tiġieġ iffriżat li jinkiseb minn tiġieġ standard li jinqatlu immedjatament fiż-żona ta' protezzjoni waqt li jiġu applikati l-miżuri dwar is-saħħa tal-annimali u miżuri veterinarji;
- (f) li l-operaturi eliġibbli ma jkunux irċevew finanzjament minn sorsi oħrajn biex jikkumpensaw għat-telf imsemmi fl-Artikolu 2.

Artikolu 5

L-awtoritajiet Taljani għandhom jikkomunikaw l-approvazzjoni tal-pagamenti lill-Kummissjoni.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2016.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER
